# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 55/2018

**Il-Pulizja**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**Zaynitdin Abdusalamov**

Illum, 25 ta' Lulju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Zayditdin Abdusalamov, iben Abdurahim u Nazira nee Mamadaliva, detentur tal-karta tal-Identita 42924A, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-8 ta' Marzu, 2013, ghall-habta ta' bejn id-21:30hrs u 22:45hrs minn gewwa l-appartament bin-numru 5 fil-blokka bl-isem ta' Spinola Bay Appartments bin-numru 75 li jinsab fi Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan, ikkommetta serq ta' gojjelerija u apparat elettroniku, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Nick Carl Maximilian Ebenhoh u/jew persuna jew persuni ohra;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri skond l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll li tapplika l-artikoli 383,384 u 395 tal-istess Kodici ghas-sigurta' tal-persuni fuq imsemmija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Jannar, 2018 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal-piena ta' tnejn u erbghin xahar (42) prigunerija u ordnatlu jhallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' €1,532.63. Il-Qorti irrakkomandat ukoll lill-Ufficcjal Principali Ghall-Imigrazzjoni sabiex jittiehdu dawk il-mizuri kollha sabiex jitnehha minn dawn il-Gzejjer galadarba ikun skonta s-sentenza u dan ai termini tal-Kapitolu 217 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Zaynitdin Abdusalamov, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti fis-16 ta' Frar, 2018 permezz ta' liema talab lill-din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u tillibera lil appellant minn kull htija u piena;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw serqa minn gewwa residenza li ghaliha intalab iwiegeb l-imputat appellant wara li, skond il-prosekuzzjoni, l-impronti digitali tieghu fil-pussess taghhom kienu jaqblu ma' dawk misjuba fuq bieb tar-residenza derubata. Ta' dan huwa instab hati mill-ewwel Qorti u kkundannat kif riportat *supra*;

2. L-imputat, izda, jillanja s-sentenza appellata billi jikritika n-nomina tal-espert tal-impronti digitali nominat mill-ewwel Qorti sabiex jeleva l-impronti tal-imputat u jikkomparahom ma' dawk elevati mix-xena tad-delitt, jigifieri ma' dawk misjuba mal-bieb tar-residenza tad-derubat. Huwa jorbot ma' dan ukoll l-ilment tieghu li ma kellux assistenza legali waqt l-interrogatorju tieghu. Aggravju iehor jirrigwarda n-nuqqas tal-prova tal-elementi formali tar-reat u finalment jillanja l-piena erogata anke jekk fit-talbiet tieghu naqas milli jaghmel talba ghal-varjazzjoni tal-piena;

3. Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju, l-appellant iressaq sitt ragunijiet ghaliex il-Qorti ghandha tqis bhala vizzjata r-relazzjoni tal-espert tal-impronti digitali, li huma s-segwenti: 1) L-espert mahtur sabiex jaghmel din l-analizi, bhala ex-impjegat tal-Pulizija, ma jistax jaghti garanzija ta' imparzjalita' rikjesta mil-ligi u konsoni ma' metodu xjentifiku generalment accettat; 2) Il-laboratorju fejn sar dan l-ezami u l-metodologija applikata mill-espert imsemmi m'ghandux l-akkreditazzjoni mposta minn *standards* internazzjonali; 3) il-konkluzjoni tal-espert imsemmi kienet ibbazata biss fuq "ezami komparattiv" u ma jidhirx illi ghamel ebda ezercizzju ta' analizi u evalwazzjoni tal-impronti digitali, la qabel u lanqas wara dan l-ezami komparattiv; 4) l-espert illi wettaq l-ezami u li hejja r-rapport ma ha ebda ebda prekawzjoni metodologika sabiex jipprevjeni jew jikkumpensa ghal-'*cognitive* bias' illi setgha kellu; 5) l-espert illi wettaq l-ezami u li hejja r-rapport ma ghamel l-ebda forma ta' verifika indipendenti tal-konkluzzjonijiet tieghu; u 6) ma sar ebda kejl tal-probabbilita' ta' zball (*error rate*) u l-l-grad tal-incertezza (*measure of uncertainity*) ta' dan l-ezercizzju;

4. Illi sabiex tkun diskussa din il-lanjanza tajjeb li jkunu senjalati s-segwenti fatti. Fid-9 ta' Marzu, 2013, certu Nick Carl Maximilian Ebenhoh ghamel rapport mal-Pulizija illi kienet sehhet serqa bi zgass mill-appartament tieghu f'San Giljan minn

fejn ittiehdulu zewg *laptops*, I-pad tablet, I-phone u diversi gojjelli fil-valur ta' €4000.00. Dwar dan infethet inkjesta bil-Magistrat fejn l-esperti tax-xena tad-delitt hadu ritratti u elevaw xi impronti digitali prezenti fuq il-parti interna tal-bieb tal-appartament, igifieri dak li mill-komun jaghti ghall-appartament inniffsu. L-impronti kienu fuq il-gewwa tal-bieb u mhux fil-parti ta' barra fejn hemm il-komun. Fis-sena 2016, l-imputat kien investigat u mressaq il-Qorti fuq kwistjoni ohra u hemmhekk il-Pulizija kienu infurmati illi l-impronti tieghu mehuda waqt dawk il-proceduri kienu jikkomparaw mal-impronti misjuba fuq il-bieb tal-appartament sgassat f'San Giljan;

5. Illi fl-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2017 quddiem il-Qorti Istruttorja, kien esebit il-*process verbal* tal-inkjesta dwar is-serqa mertu tal-kaz odjern li kienet takkludi ritratti u *lifters* ta' impronti digitali mehuda mix-xena tad-delitt. F'dik l-udjenza l-Qorti nnominat lis-Sur Joseph Mallia bhala espert sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti digitiali tal-imputat u l-lifters esebiti in atti. L-impronti tal-imputat ittiehdu mill-espert fil-presenza tal-Qorti fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2017 u fit-13 ta' Gunju pprezenta r-relazzjoni tieghu bil-gurament mmarkata bhala Dok JM a fol 124 tal-inkartament u ddepona in rigward;

6. Mill-atti processwali jemergi illi l-imputat qatt ma oggezzjona ghan-nomina tas-Sur Mallia, qatt ma rregistra xi rizerva dwarha u qatt ma ghamel mqar domanda wahda lill-espert tal-Qorti dwar dak minnu issa lamentat. Il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti processwali u jirrizulta illi fis-sottomissjonijiet orali quddiem l-ewwel Qorti l-abbli avukat difensur tal-imputat ma ghamel ebda kritika ghan-nomina ta' dan l-espert. Dak li qal kien biss is-segwenti: "*But I would like to the attention of the Court, that recently, in a paper in a medical journal in the United States, it has been established that fingerprints are not singular, are not unique. That there are possibilities that there may be*

*different people with the same fingerprints".* Il-kweziti kollha li l-imputat qajjem fil-lanjanza biex juri ghaliex il-perizja hija wahda vizzjata, kellhom ikunu diskussi fl-ewwel stadju ghaliex altrimenti ma jistghax isir kontroll ta' dak li qed jallega l-imputat. Jekk l-espert huwiex persuna akkreditata u x'metodi utilizza jew le fl-esplitu tal-inkarigu tieghu huma hwejjeg li kellhom ikunu mistoqsija lilu in prim'istanza u mhux jithalla ghaddej il-process minghajr ebda kritika, rizerva jew mqar domanda wahda u jithalla ghal dan l-istadju;

7. Ghalhekk l-ewwel aggravju kwantu jolqot dawn is-sitt elementi ta' kritika dwar l-impronti digitali qed ikun michud;

8. Marbuta mal-kwistjoni tal-impronti digitali, l-imputat iressaq is-segwenti argument. *".. minhabba il-fatt li dan ma kellux assistenza legali waqt l-interrogazzjoni ta' nhar is-26 ta' Novembru, 2016, dana ma kellux l-opportunita' illi jqieghed taht skrutinju ahjar l-evidenza li abbazi taghha kien qieghed jigi akkuzat u l-mod ta' kif dina ingabret, li jirreferi ghan-nuqqasijiet u limitazzjonijiet surreferiti u li jikkontradixxi fejn opportun*". Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument ghaliex skond ma xehed l-Ispettur Fabian Fleri (fol 11 *et seq*), din l-assistenza legali inghatat lill-imputat skond il-ligi: "*sussegwentement jien kont gibt lil Zaynitdin Abdusalamov fis-26 ta' Novembru 2016 gewwa l-ufficcju tieghi. Infurmajtu mill-ewwel permezz tal-interpretu Lydia Biavova dwar id-drittijiet kollha tieghu u hu kien ghazel li jiehu parir legali qabel tibda l-interrogazzjoni u fil-fatt kien kellem lil Dr. Sultana li kienet legal aid dakinhar. Wara gie mehud anke fuq il-post u wrejnieh il-blokka ta' appartamenti*";

9. Ghal darb'ohra, ma sar ebda kontro-ezami ta' dan ix-xhud u ma kien hemm ebda ilment dwar l-istqarrija tieghu, liema stqarrija ghalhekk titqies li ttiehdet bil-kawteli li tipprovdi l-ligi meta allura kellu dik l-assistenza legali li trid il-ligi u li ghamel ukoll uzu minnha. Il-Pulizija mhux biss infurmawh li ghandhom skond huma l-impronti digitali tieghu li nstabu fuq

il-bieb zkassat izda ukoll haduh fuq il-post sabiex b'hekk ukoll qdew id-dover taghhom li jinfurmawh bl-evidenza li ghandhom kontra tieghu;

10. L-appellant iressaq argument iehor relatat man-nuqqas ta' assistenza legali billi jorbot l-istess mar-rapport tal-espert tal-impronti digitali: "*din is-sitwazzjoni pregudikanti ippermettiet lil-Pulizija jipprezentaw bhala inkontrovertibbli evidenza illi, kif jirrizulta mis-suespost u ad insaputa ghall-imputat, kienet wahda vizzjata minn nuqqasijiet u limitazzjonijiet konsiderevoli*". Il-Qorti tirrileva illi minkejja li l-appellant jikkwerela l-operat tat-tehid tal-istqarrija tieghu, huwa ghazel illi jixhed u fil-fatt iddepona quddiem l-ewwel Qorti (fol 214 *et seq.*). Dik id-deposizzjoni ftit li xejn tvarja mill-istqarrija tieghu ghaliex fl-istqarrija l-ewwel jghid li jista' jkun li dahal fl-appartament meta kien qed ifittex post ghal kiri u meta konfrontat bil-fatt li minn hemm sehhet serqa beda jghid li ma jafx u ma jiftakarx li kien dahal hemm. Fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti kien aktar kategoriku u qal li dahal hemm darba jew darbtejn meta ried jikri post;

11. Tassew illi l-kunsiderazzjonijiet maghmula fil-paragrafu numru 9 japplikaw ugwalment ghal dan l-argument. L-appellant izda ma huwiex car fil-lanjanza tieghu ghaliex l-evidenza li jirreferi ghaliha ma tistax tkun ghajr ghall-impronti digitali li huma l-unika evidenza f'dan il-kaz. Issa jekk qed jirreferi ghal mod kif kienu prezervati l-impronti fuq ix-xena tad-delitt jew ghall-indagini peritali mill-espert tal-Qorti, in atti ma hemm xejn li jikritika l-mod kif dawn kienu elevati u kwantu l-espert tal-Qorti, din il-Qorti gia esponiet il-hsibijiet taghha u ghalhekk ma hemmx htiega ta' aktar kunsiderazzjonijiet in rigward;

12. Illi b'mod sussidjarju, l-imputat iressaq l-argument illi "*anke jekk din il-positive match ma hijiex ivvizzjata minn zball (haga li ma tistax tinghad b'certezza minhabba n-nuqqasijiet u*

*limitazzjonijiet surreferiti) izda tirrifletti stat ta' fatt, din l-evidenza li ressqet il-prosekuzzjoni xorta ma hijiex bizzejjed sabiex tpoggi lill-esponent kemm fil-lok izda wkoll fil-hin tad-delitt li tieghu gie misjub hati. ...... Ghaldaqstant, anke jekk din il-positive match tirrifletti stat ta' fatt, l-element materjali ta' dan id-delitt xorta ma giex pruvat sal grad rikjest mil-ligi*". L-appellant donnu qed jikkonfondi l-element materjali tar-reat in kwistjoni, dak ta' serq bl-aggravi indikati, ma' dak li hu iqis bhala nuqqas ta' provi li jorbtuh ma' dan ir-reat. L-element materjali tar-reat huwa l-introduzzjoni indebita fi hwejjeg haddiehor b'mezzi u l-ispustament indebitu tal-oggetti ghad-detriment tas-sid. Dak l-element huwa pruvat bil-*process verbal* esebit in atti minn fejn tirrizulta l-konkluzzjoni tal-Magistrat Inkwirenti illi dak inhar, minn dak l-appartament, sehhet serqa ta' oggetti b'valur ta' €4000 ghad-detriment tas-sid, kwalifikata bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-hin. Il-kwistjoni tan-ness o meno bejn din is-serqa u l-imputat hija ohra;

13. Dwar dan, kif ahjar spjegat fis-sottomissjonijiet orali quddiem din il-Qorti, l-appellant iressaq l-argument illi anke jekk l-impronti jitqiesu bhala *a positive match* xorta wahda ma kellux jinsab hati. F'dawn is-sottomissjonijiet l-abbli difensur tal-imputat ressaq argumenti li jistghu jitqiesu bhala aggravji godda. Jilmenta dwar li meta l-perit tekniku ha x-xhieda tad-derubat waqt l-inkjesta, naqset milli tindika l-partikolaritajiet tieghu u s-sid u li dan ma regax iddepona quddiem l-ewwel Qorti. Apparti li f'dan l-istadju ma jistghux jizdiedu aggravi godda, anke li kien hekk, dawn l-argumenti huma fierha ghaliex il-*process verbal* huwa fih inniffsu prova u dak lamentat mill-imputat isib it-twegiba fl-istess rizultanzi kif ukoll fl-inkartament;

14. Ghalhekk, lura ghal-kwistjoni tan-ness bejn l-imputat u l-fond li fih sehhet is-serqa, huwa palezi illi l-unika prova tal-prosekuzzjoni, apparti li sehhet is-serqa in kwisjtoni, huma l-

impronti tal-imputat li rrizultaw jikkombaccjaw ma' dawk misjuba fuq ix-xena tad-delitt. Huwa palezi li din hija prova indizzjarja. Issa, kif inhu akkolt fil-gurisprudenza in rigward, "**circumstantial evidence is often the best evidence**" (R vs Taylor 21 CRM App R21 citat f'Pulizija vs Carmelo Busuttil App Krim 6.5.1961 u mhaddan fis-sentenza Pulizia vs Carmelo Ellul Sullivan App Krim 30.10.2001). "**Il-provi indizzjarji hafna darbi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' dawn iridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci**" (Il-Pulizija vs Emanneul Seisun App Krim 9.1.1998). Ugwalment ta' importanza hu s-segwenti monitu u kawtela li "**ghalkemm il-provi indizzjarji jiggeneraw certu suspett qawwi fil-konfront tal-appellant, is-suspett mhux prova**" (Pulizija vs Mark Dimech App Krim 30.4.09;)

15. Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Cyrus Engerer tat-8 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti ghamlet rassenja gurisprudenzjonali estensiva ta' dan l-aspett tal-prova fis-sistema penali taghna. Il-Qorti ccitat a propositu l-insenjament ta' Pollock C.B li tista' tghid jigbor fih l-ingredjenti essenzjali ghal-evalwazzjoni tal-prova indizzjarja b'tixbieha verament idonea meta jghid:

> *It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded toghether may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of quilt with as much certainity as human affairs can require or admit of.*

16. Fis-sentenza appena citata, il-Qorti gabret dan kollu f'paragrafu wiehed b'mod eccezzjonali bis-segwenti bran:

> *Kwindi jidher car mill-kazistika imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wiehed jasal li jikkonkludi li l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara **l-assjem** ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita' tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.*

17. Applikat dan kollu ghall-kwistjoni odjerna huwa minnu illi l-unika prova kontra l-imputat huma l-impronti digitali. Ghalhekk dawn, flimkien mac-cirkostanzi kollha tal-kaz jehtieg li jkunu skrutinati b'mod minuzzjuz sabiex jkun accertat li ma hemm ebda ekwivoku dwarhom. Fl-ewwel lok, l-impronti tal-imputat ittiehdu mill-espert fil-presenza tal-Qorti. Dawn kienu komparati minnu ma' dawk misjuba fuq ix-xena tad-delitt. L-istess espert xehed illi l-lifter 301/13ASR301 maghmul minn erba' impronti digitali jaqblu mas-subgha z-zghir dak tac-curkett, is-subgha tan-nofs u dak tal-werrej ta' id ix-xellugija tal-imputat. Mid-dokument 302 irrizulta qbil mas-subgha tan-nofs tal-id il-leminja izda l-impronti l-ohra ma kellhomx bizzejjed karetteristici sabiex isir paragun. Fid-dokument 303 kien hemm impronta posittiva ghall-pala tal-id il-leminja tal-imputat;

18. Ir-ritratti tax-xena tad-delitt mehuda mis-Scene of Crime Officers b'mod partikolari dawk immarkati FS 130486 – Dok 13ASR 108 u 109 a fol 90 u 91 tal-inkartament juru il-bieb tal-appartament minn gewwa, b'diversi daqqiet ta' levattura li jinsabu f'livell ta' tul tlett kwarti tal-bieb mill-art. Fl-istess livell hemm diversi impronti li kienu katalogati 301, 302 u 303. Dawn l-impronti huma ghalhekk fuq il-gewwa tal-bieb b'mod li huwa inkonfutabbli li min qabbad dan il-bieb ghamel hekk billi dahhal idejh minn barra u hakem il-bieb b'mod li l-impronti tieghu thallew mal-genb tal-bieb u jibqghu iduru fuq il-wara tieghu fejn hemm il-levaturi. Dan bl-ebda mod ma hu deskrittiv ta' persuna li setghet marret tara l-appartament biex tikrieh. Din il-Qorti, ghalhekk bhall-ewwel Qorti qabilha ma ghandha ebda raguni tiddubita li dawk l-impronti huma tal-imputat;

19. Kwantu ghall-valur probatorju tal-impronti, l-ewwel Qorti ghamlet analizi korretta, studjata u oggettiva dwar dan u sahansitra ghamlet referenza ghal sentenzi fejn l-impronti mhux necessarjament ikollhom ir-rizultat mixtieq mill-prosekuzzjoni. Il-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti dwar il-valur probatorju ghalhekk hija radikata minn ezami tal-ligi li din il-Qorti tista' tistrieh fuqu pjenament;

20. L-imputat iressaq ukoll l-argument sussidjarju illi anke jekk kien pruvat l-element materjali tar-reat l-prosekuzzjoni xorta wahda naqset milli tipprova dak formali u jerga' jorbot dan l-aspett mal-kwistjoni tal-ezami komparattiv tal-impronti stante li anke jekk l-imputat mess il-parti ta' gewwa tal-bieb dan ma jitfa' ebda dawl fuq l-intenzjoni tieghu. Frankament din il-Qorti hi xi ftit jew wisq perplessa b'dan l-aggravju. Il-fond in kwistjoni ma huwiex lok pubbliku; huwa fond privat li fih l-imputat ma kellu ebda raguni legittima li jintroduci lilu nniffsu fih; huwa fond li minnu sehhet serqa bi zgass minn fejn ittiehdu oggetti ta' valur ghad-detriment u kontra l-volonta' tas-sid. Huma dawn l-atti materjali li jixhdu l-intenzjoni ta' min

intoduca lilu nniffsu f'dan l-appartament, igifieri l-imputat, u li huma sufficcjenti biex jippruvaw l-element formali tar-reat ta' serq;

21. Illi ghalhekk din il-Qorti qed tichad it-talba ghat-thassir tas-sentenza appellata; L-appellant, izda, ressaq ukoll gravami dwar il-piena minghajr ma ghamel talba ghat-tibdil tas-sentenza. Kwistjoni konsimili kienet fil-passat ricenti, tqanqal l-eccezzjoni ta' nullita'. Madanakollu, l-artikolu 520 (1) (c) tal-Kodici Kriminali illum jilqa' ghal-dan billi jaghmel applikabbli s-subartikoli (4), (5) u (6) tal-artikolu 143 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta. Is-subartikolu (4) jipprovdi hekk:

> **(4) Fil-kazijiet imsemmija f'dan l-artikolu talba ghal-thassir ghandha titqies li tinkludi talba ghal annullament u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet, u talba ghal annullament ghandha titqies li tinkludi talba ghal thassir u tibdil tas-sentenza**.

22. Ghalhekk ser jitqies li l-imputat ghamel talba ghat-tibdil tas-sentenza sabiex jittiehed kont tal-aggravju tieghu dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti li skond hu hija wahda sproporzjonata. Huwa ukoll tal-fehma illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta hadet in konsiderazzjoni reati ta' natura simili kommessi mill-imputat ghaliex dawn sehhew wara u mhux qabel dan l-incident.

23. Dwar dan l-ahhar aspett, il-parti disposittiva tas-sentenza tal-ewwel Qorti taqra hekk: "***Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li qieghed jinstab hati dwaru l-imputat, il-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li nstab hati ta' reati ta' natura simili w tac-cirkostanzi tal-kaz***". Ezaminata l-fedina penali tal-appellant jirrizulta illi l-kundanna hemm riprotata tirreferi ghar-reat ta' attentat ta' serq u iehor ta' serq u hsara volontarja fi zmien wara is-serqa mertu ta' dan l-appell. L-ewwel Qorti izda ma ddikjaratx x'effett kellu fuq il-gudizzju taghha l-fatt li, skond hi,

gia kien instab hati ta' reati simili. Dak li jidher li kien jifforma il-konsiderazzjoni fl-ikkalibrar tal-piena kienu n-natura tar-reat u c-cirkostanzi kollha tal-kaz fejn l-ewwel Qorti deherilha li dan ir-reat ghandu jigbed il-piena fil-fatt kominata. Kwantu ghall-dak li l-appellant iqis bhala sproporzjon fil-piena, dak li din il-Qorti tista' tghid hu li l-piena erogata kienet sew fil-parametri tal-ligi u l-ewwel Qorti setghet tikkomina dik il-piena u kienet hi fl-ahjar qaghda li taghmel dan wara li semghet il-provi. Ghalhekk ma hemm ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha b'xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni fdata f'idejn l-ewwel Qorti;

24. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.